MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 17/2012

**Paul Vella**

**Vs**

**Joseph u Nathalie konjugi Vella
Emanuela sive Lelina Attard
Stephen Attard
Colin Attard**

Il-Qorti,

Illi permezz tar-rikors guramentat l-attur ippremetta:-

1. Illi r-rikorrenti huwa proprjetarju fil-kwota ta' terz (1/3) indiviz mil-lok ta' djar bin-numru tmienja u erbghin (48) u disgha u erbghin (49) fi Triq Mons Luigi Vella Rabat Ghawdex, filwaqt li l-konvenuti Joseph u Nathalie konjugi Vella huma proprjetarji ta' terz iehor (1/3) u r-rimanenti terz (1/3) jappartjeni in kwantu ghal nofs it-terz lil

Emanuela sive Lelina Attard u nofs it-terz l-iehor lil ahwa Colin u Stephen ahwa Attard;

2. Illi l-kond kien gie akkwistat in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-24 ta' Frar 1990, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa bhala Dok 'A';

3. Illi l-attur ma jridx jibqa' fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti u nonostanti li huma gew interpellati huma baqghu inadempjenti;

4. Illi dan il-fond ma huwiex komodament divizibbli u allura bilfors irid jigi licitat;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara li l-fond bin-numri tmienja u erbghin (48) u disgha u erbghin (49) fi Triq Mons Luigi Vella Rabat Ghawdex mhux komodament divizibbli;

2. Sussegwentement tordna l-bejgh tieghu in licitazzjoni bl-intervent ta' obblaturi estranej;

3. Tiffissa jum, hin u lok tal-bejgh bil-licitazzjoni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 39/2012 kontra l-istess intimati li minn issa huma mharrka ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti gew kollha debitament notifikati izda ma pprezentaw l-ebda risposta guramentata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

Illi l-atturi u l-konvenuti f'din il-kawza huma ko-proprjetarji tal-fond de quo u dan fil-kwoti msemmija fir-rikors gurament. Illi hekk kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012 il-partijiet kollha qeghdin jaqblu li l-fond inkwistjoni mhux komodament divizibbli. L-istess partijiet qablu wkoll li l-valur ta' dan il-fond huwa fl-ammont ta' mija u erbgha u sebghin elf seba' mija u hamsin euro (€174,750)[1]

Illi in vista tas-suespost peress li l-kontendenti qablu li l-imsemmija proprjeta` ma hijiex komodament divizibbli fil-kwoti tal-partijiet u wara li rat id-dokumenti kollha prezentati, din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi:

1. tiddikjara li l-fond bin-numri tmienja u erbghin (48) u disgha u erbghin (49) fi Triq Mons Luigi Vella Rabat Ghawdex mhux komodament divizibbli;

2. tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-fond bl-intervent ta' obblaturi estranej. Kif ftehmu l-partijiet il-valutazzjoni tal-fond hija ta' mija u erbgha u sebghin elf seba' mija u hamsin euro (€174,750)[2];

4. Tordna li l-bejgh b'licitazzjoni jsir fis-17 ta' Settembru 2012 fl-10.00a.m. fil-bini tal-Qorti, Pjazza Katidral, Rabat, Ghawdex.

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-bejgh b'licitazzjoni, ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet skont is-sehem li kull wiehed minnhom ghandu fil-fond.

**< Sentenza Finali >**

[1] ekwivalenti ghal hamsa u sebghin elf liri tal-munita antika (Lm75,000)
[2] ekwivalenti ghal hamsa u sebghin elf liri tal-munita antika (Lm75,000)

---------------------------------TMIEM---------------------------------